**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**Id-Disa' Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 05**

It-Tnejn, 30 ta' Settembru, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fil-5:00 ta' filgħaxija.

---

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Dr Daniel Attard | - | Sindku |
| Is-Sur Sammy Saliba | - | Viċi Sindku |
| Is-Sur Emanuel Mintoff | - | Kunsillier |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - | Kunsillera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - | Kunsiller |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Silvio Xerri | - | Segretarju Eżekuttiv |

**05.1 Talba**

05.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet ippreseduta mis-Sindku Dr. Daniel Attard li qed jidher permezz ta' MS Teams peress li huwa jinsab imsiefer.

**05.2 Ittri ta' Apoloġija**

05.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**05.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti;**

04.3.1 Il-Minuti tal-laqgħa numru 03 u 04 li kellhom jitlestew mis-Segretarju Eżekuttiv għadhom mhux lesti għaldaqstant dawn ma ġewx approvati.

**05.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

05.4.1 n/a.

**05.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

05.5.1 n/a.

**05.6 Attivita' Traditions 2024 - Analiżi;**

05.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa kellu laqgħa mal-voluntiera u ġie propost li s-sena d-dieħla l-attivita' Traditions: Wine, Olive Oil and Honey 2025 issir is-Sibt 20 ta' Settembru 2025. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma dak propost.

05.6.2 Ġew proposti bħala bands jew mużiċisti The Travellers, The Jar, Joelene Samham Glenn u Amber. Il-Kunsilliera qablu li għandhom jiġu mitkellma ħalli jiġi stabillit min hu disponsibbli għal tali attivita'.

**05.7 Il-Ħatra tal-Kappillan fil-komunita'**

05.7.1 Nhar is-Sibt 4 ta' Ottubru 2024, ser issir il-ħatra tal-kappillan fil-komunita' u wara ser isir festin maġenb il-knisja. Għal tali avveniment ser tinkera tinda u l-kunsill ser iħallas l-ispejjez relatati mal-kirja ta' tali tinda.

**05.8 Materji Oħra;**

05.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li persuna fi Triq il-Fanal talbet li jsiru d-*double lines* quddiem ir-residenza tagħha. Tali proposta għandha tiġi mibgħuta lil ta' Transport Malta għal kunsiderazzjoni min-naħa tagħhom.

05.8.2 Residenta talbet li ssir tabella sabiex ma jintefax żibel quddiem ir-residenza tagħha. Il-Kunsilliera qablu unanimament li ssir tali

tabella.

**05.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

05.9.1 Ġiet approvata l-iskeda ta’ pagamenti numru 09-04.

**05.10 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

05.10.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5:30 ta’ filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 31 ta’ Ottubru, 2024 fis-7:00 ta’ filgħaxija.

**Dr. Daniel Attard** — **Silvio Xerri**
**Sindku** — **Segretarju Eżekuttiv**